MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2003

Joyce Calleja
vs
Chief Government Medical Officer

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz ghall-habta tal-1988, ir-rikorrenti kienet sofriet pregudizzju u ingustizzja konsistenti fil-fatt illi giet ingustament u ghall-ebda raguni kienet giet sottomessa ghal xoghol iebes li rrendiha inkapaci ghax-xoghol li kienet qeghda taghmel.

Illi l-fatti tal-kaz, fis-semplicita` taghhom kienu s-segwenti:

Illi sa qabel id-9 ta' Mejju 1987 ir-rikorrenti kienet tippresta s-servizzi taghha fl-Isptar San Vincenz De Paule dak iz-zmien maghruf bhala Has-Serh.

Illi fl-1987 kienet sehhet bidla fl-amministrazzjoni tal-pajjiz u r-rikorrenti mill-ewwel kienet sfat il-mira ta’ wiehed mis-Superjuri taghha.

Illi kontra kull regola tal-etika u prattika, ir-rikorrenti kienet bdiet tigi moghtija zewg swali kuljum bid-differenza li dawn kienu jkunu dejjem l-aktar swali li fihom xoghol ta’ tqandil ta’ pazjenti bed ridden etc.

Illi l-prattika fost in-nurses kollha kienet illi dan ix-xoghol idur bejniethom b’mod illi hadd minnhom ma jkun responsabbli minn aktar minn sala wahda f’jum sabiex b’hekk hadd minnhom ma jbati.

Illi ghad li r-rikorrenti kienet qeghda tbati inutilment hija xorta wahda kienet ippruvat tobdi din l-ordni pero` dan mhux ghat-tul u dan it-tqandil kontinwu li kienet giet soggetta ghalih immedjatament irrifletta f’ugieh kbir fid-dahar.

Illi f’din is-sitwazzjoni r-rikorrenti kienet irrikorriet ghand is-Superjur taghha li ma riedx ikun jaf u l-unika triq li kienet ghadha miftuha ghar-rikorrenti kienet li tirrikorri ghand konsulenti medici privati u dan kif jidher mic-certifikati annessi mar-rikors.

Illi meta kienet marret lura ghax-xoghol u kompliet tippersisti l-istess sitwazzjoni minghajr mistrieh u r-rikorrenti kienet bdiet terga’ tbati ghal darb’ohra mill-istess sintomi hija kienet giet kostretta thalli l-impieg u dan sabiex ma tkompliex tgharraq sahhitha.

Ghaldaqstant r-rikorrenti filwaqt li ghamlet referenza ghall-fuq espost u rriservat illi tressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u tinghata rimedju billi (1) jigi dikjarat illi fil-konfront taghha giet kommessa ingustizzja meta giet sottomessa ghal xoghol kontinwu ta’ rfieh liema xoghol normalment kien jigi diviz mal-kollegi taghha (2) tigi

moghtija kumpens ta’ Lm5000 sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ingustizzja u t-tbatija li sofriet minhabba l-agir vendikattiv tas-Superjur taghha.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi r-rikorrenti kienet tahdem Has-Serh fil-grad ta’ Health Assistant liema xoghol jinkludi hasil ta’ Wards, u tqandil ta’ pazjenti. L-ammont ta’ xoghol li jinghata lill-personnel ikkoncernat huwa dettat minn zewg fatturi: nuqqas ta’ persuni li jaghmlu dan ix-xoghol u numru konsiderevoli ta’ nies li jokkupaw il-wards.

Illi rigward il-fatti li r-rikorrenti kienet kostretta thalli l-impjieg, ghandu jinghad illi hija kienet iffirmat dikjarazzjoni fejn iddikjarat illi taqbel mad-decizjoni tal-Bord.

Ghaldaqstant l-intimat filwaqt li gab il-premess a formali konjizzjoni ta’ Joyce Calleja talab lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet kif dedotti fir-rikors stante li infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrenti pprezentat affidavit u semmiet li fl-1986 kienet dahlet bhala Health Assistant fl-Isptar San Vincenz de Paule u dahlet bhala studenta u damet sal-1988. Semmiet li fl-isptar San Vincenz de Paule ix-xoghol kien ta’ strapazz peress li l-pazjenti jkunu anzjani u l-parti kbira

taghhom rikoverati fis-sodod. Qalet li fl-isptar il-wards huma klassifikati u ghalhekk hemm sistema li n-nurses, sabiex ma jezawrux irwiehhom, jitqassmu b'mod illi l-istess nurses ma jkunux attivi fl-istess wards ghal durati fit-tul. Din is-sistema kienet tithaddem peress li kien hemm wards li x-xoghol ma jkunx jinvolvi strapazz daqs ohrajn. Qalet li meta kienet studenta kienet tinghata dejjem l-istess wards u l-aktar li kien ikun fihom xoghol ta' strapazz. Darba minnhom waqt li flimkien ma' studenta ohra kienu qed jerfghu pazjenta, ir-rikorrenti hadet skoss f'darha liema skoss kien tali li seta' facilment irrendiha inkapaci ghal ghomorha. Qalet li kienet damet l-ewwel hmistax-il gurnata fis-sodda minhabba infjammazzjoni fin-nerf ta' dahra u kienet giet rakkomandata sabiex ma terfax sakemm jerga' jigi kollox f'postu u kienet giet istruwita tattendi ghall-kors ta' physiotheraphy.

Dr. Bartolo s-Supretendent ta' l-Isptar ma riedx li taghmel xoghol hafif u enfasizza li tkompli bix-xoghol normali taghha. Qalet li kull kura li kienet qeghda tircieva kienet inutli. Qalet li Dr. Casalletto kien wera l-volonta` li hi tattendi ghall-kors tal-phsioteraphy fl-Isptar izda qatt ma batu ghaliha u r-rikorrenti innutat li dak kien qed isir kien b'azzjoni vendikattiva personali ghax ma kienx hemm raguni ghalfejn ma jibghatux ghaliha meta l-kaz kien jirrikjedi attenzjoni immedjata u ghalhekk hi marret tieghu l-kura fil-privat.

Qalet li kienet qed issir ingustizzja maghha biex hi tiddejjaq u titlaq. Qalet li certu Joe Attard li kien NO fl-Ufficcju ta' Dr. Bartolo kien jghinha fix-xoghol taghha jew jibghatha f'xi ward fejn ix-xoghol ikun hafif. Kompliet tghid li darba fost l-ohrajn Dr. Bartolo kien baghat ghaliha u fl-ufficju kien hemm ukoll Joe Attard. Dr. Bartolo kien qal lil Joe Attard biex lir-rikorrenti ma jghiniex ghax kienet laburista. Qalet ukoll li dan Joe Attard imbaghad kien gie trasferit jiehu hsieb sitt persuni lebruzi. Dr. Bartolo lir-rikorrenti kien baghtha tahdme go l-RBH u cioe` l-aghar ward go San Vincenz de Paule fejn ix-xoghol kien wiehed ta' tqandil u hi sostniet li dik kienet azzjoni diretta personalment ghaliha ghax Dr. Bartolo kien jaf minn xiex qedgha tbati.

Xehed <u>John Attard</u> li semma li jaf lir-rikorrenti ghax kien Principal Nursing Officer f'San Vincenz De Paule u r-rikorrenti kienet impjegata tahtu fil-grad ta' Health Assistant u dan kien mill-1987 sal-1988. Qabel Mejju 1987 ir-rikorrenti kienet tahdem f'Hall 13, 14 female ta' San Vincenz De Paule. Qal li fl-1988 ir-rikorrenti minhabba li kellha injury kienu tawha lighter duties. Qal li fl-Isptar San Vincenz De Paule ikun hemm hafna pazjenti bedridden. Fl-1987 u 1988 kien hemm impjegati li kienu allokati f'diversi wards fl-Isptar kif ukoll kien hemm impjegati ohra li kienu releavers li jimlew il-vakanzi li jkun hemm.

Semma li r-rikorrenti kienet qeghda fixed go ward izda wara l-incident huma kienu poggewha f'ward fejn kien se jkollha aktar lighter duties izda mbaghad hija waqghet fir-releaver pool. Meta mar is-Supretendent Dr. Frank Bartolo kien iddecieda li r-rikorrenti titnehha mir-releaver pool u jqeghda f'ward fejn kien iktar ta' strapazz. Qal li ma kenitx inghatat raguni specifika ghalfejn kienet ser ticcaqlaq.

Zied jghid li Dr. Bartolo kien imdorri jaghmel dawk ic-caqliq u hu gieli kien jiqaflu. Semma li r-rikorrenti kienet intbghatet fis-psychogeriatric ward u din kienet ward li fiha xoghol ta' strapazz ghax ghalkemmm mhux il-pazjenti kollha kienu bedridden kien hemm uhud li kienu fis-sodda ma jiccaqalqux.

<u>Frank Attard</u> Senior Principal Human Resources fid-Dipartiment tas-Sahhaipprezenta affidavit fejn semma li r-rikorrenti kienet applikat sabiex tattendi ghal kors li jwassal ghal Health Assistant wara li kienet harget sejha fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Gunju 1986. Ma' din is-sejha kien hemm ukoll deskrizzjoni tax-xoghol li kien qed jigi pretiz illi jaghmel kull min japplika. First Aid Nursing kien jinkludi fih il-hasil u manigg ta' pazjenti. Ir-rikorrenti kienet applikat u ntaghzlet u x-xoghol li nghatat taghmel kien jikkorrispondi perfettament mad-deskrizzjoni ta' xoghol li kienet giet publikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi t-Tribunal ikkunsidra li l-ilemnt tar-rikorrenti hu bbazat fuq li hi ntbaghatet taghmel xoghol ta’ strapazz f’ wahda mill-aktar wards difficli meta specjalment kienet qeghda tbati minn ugiegh f’ dahra u kawza ta’ hekk ma setghetx taghmel xoghol ta’ strapazz.

Wara li t-Tribunal ezamina d-depozizzjonijiet moghtija u ra l-atti kollha jirrileva li hemm tliet punti x’ jigu kkunsidrati u cioe`:

1) Li l-applikazzjoni tar-rikorrenti kienet ghal Health Assistant fejn fil-Gazzetta tas-17 ta’ Gunju 1986 kien hemm ukoll deskrizzjoni tan-natura tax-xoghol li kien jinkludi l-hasil u l-manigg tal-pazjenti u li x-xoghol li nghatat ir-rikorrenti kien jikkorrispondi mad-deskrizzjoni tax-xoghol pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

2**)** It-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li ntqal minnu fil-kawza fl-ismijiet “Vassallo Vincent vs Kalaxlokk Company Limited” deciza fid-19 ta’ Ottubru 1999 fejn it-Tribunal sostna li ma hux kompetenti fil-kaz ta' danni bhala rizultat ta' incident li fih iweggha haddiem fuq ix-xoghol. Disabilita' mhix kompetenza tat-Tribunal. Ara wkoll: Victor Bonavia vs Kummissarju tal-Pulizija 7/11/00 u Joseph Galea vs Kalxlokk Company Limited 30/1/01.

3) Illi f’ dan il-kaz pero` hemm ukoll l-elementi tat-transfer tar-rikorenti minn ward ghal ohra.  Infatti rrizulta li r-rikorrenti la thalliet f’ ward li kienet relativament mhux daqshekk iebsa, u anqas ma thalliet fil-pool tar-releavers izda minflok intbaghtet fis- psychogeriatric ward li kienet wahda difficli.

Fil-kawza “Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et” deciza fit-23 ta’ Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

“Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma’ dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista’ jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-

miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu “above board”.

Huwa propju hawnhekk li hemm il-pern tar-rikors ghax l-ilment tar-rikorrenti ma kienx isib ezitu pozittiv minhabba li hi dahlet ghal xoghol kif deskritt u li korriment fuq ix-xoghol jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae*** izda t-trasferiment li giet moghtija r-rikorrenti ghal go ward aktar strapazzuza meta wiehed jikkunsidra li hi kienet tbati minn dahra kif certifikat mit-tobba u meta ma giet moghtija ebda spjegazzjoni valida tal-ezigenzi tas-servizz jammonta ghal ingustizzja ghalkemm mhux xi wahda ta' natura gravi. Huwa biss taht dan l-aspett li l-ilment tar-rikorrenti jsib il-mistrieh tieghu.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat inkluz il-fatt li r-rikorrenti ffirmat id-dikjarazzjoni li taqbel mad-decizjoni tal-bord u dan minhabba li fic-cirkostanzi tal-kaz ma kellha ebda alternattiva hlief li taccetta. Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf u hames mitt lira [LM1500].

Spejjez kontra l-intimat.

-------------------------------TMIEM-------------------------------